**Nru. 1102**

## ATT TA’ L-2001 DWAR IL-ĦARSIEN TA’ L-AMBJENT (ATT NRU. XX TA’ L-2001)

BIS-SAĦĦA tal-poteri mogħtija bl-artikoli 9 u 10 ta’ l-Att ta’ l-2001 dwar il-Ħarsien ta’ l-Ambjent, il-Ministru għall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent, wara konsultazzjoni ma’ l-Awtorità ta’ Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar, qiegħed b’din jippubblika dan l-abbozz ta’ regolamenti fejn jippermetti lil kull persuna perjodu ta’ erba’ ġimgħat biex tagħmel rappreżentazzjonijiet lid-Direttur għall-Ħarsien ta’ l-Ambjent ta’ l-Awtorità ta’ Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar, fejn tiddikjara kif fil-fehma tagħha r-regolamenti proposti ma jkunux jipproteġu biżżejjed l-ambjent jew kif dawn ikunu restrittivi ż-żejjed bla bżonn jew jikkaġunawlha diffikultà jew telf ekonomiku u titlob għal reviżjoni ta’ dak l-abbozz:-

Regolamenti ta’ l-2004 dwar l-Immaniġġar ta’ l-Iskart (Apparat Elettriku u Elettroniku).

It-22 ta’ Ottubru, 2004

**No. 1102**

## ENVIRONMENT PROTECTION ACT, 2001 (ACT NO. XX OF 2001)

BY virtue of the powers conferred by articles 9 and 10 of the Environment Protection Act, 2001, the Minister for Rural Affairs and the Environment, after consultation with the Malta Environment and Planning Authority, is hereby publishing the following draft regulations to allow any person a period of four weeks to make representations to the Director for Environment Protection of the Malta Environment and Planning Authority, stating how in his opinion the proposed regulations do not sufficiently respect the environment or how they are too unnecessarily restrictive or cause him hardship or economic loss and asking for a revision of such draft:-

Waste Management (Waste Electrical and Electronic Equipment) Regulations, 2004.

22nd October, 2004

## ATT DWAR IL-ĦARSIEN TA' L-AMBJENT
## (KAP. 435)

### Regolamenti ta' l-2004 dwar l-Immaniġġar ta' l-Iskart (Apparat Elettriku u Elettroniku)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikoli 9, 11(1)(b) u 28 ta' l-Att dwar il-Ħarsien tal-Ambjent, il-Ministru għall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent, wara konsultazzjoni ma' l-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

**1.** (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti ta' l-2004 dwar l-Immaniġġar ta' l-Iskart (Apparat Elettriku u Elettroniku). Titolu u bidu fis-seħħ.

(2) Dawn ir-Regolamenti għandhom jidħlu fis-seħħ f'dik id-data li l-Ministru responsabbli mill-ambjent jista' b'avviz fil-Gazzetta jistabbilixxi u dati differenti jistgħu jiġu hekk stabbiliti għal disposizzjonijiet differenti u għal skopijiet differenti ta' dawn ir-regolamenti.

**2.** (1) Dawn ir-regolamenti jġibu fis-seħħ id-disposizzjonijiet tad-Direttiva 2002-96-KE[1] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Jannar, 2003 dwar l-Apparat Elettriku u Elettroniku għall-iskart (WEEE) kif emendat bid-Direttiva 2003/108/KE[2] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Diċembru, 2003. Skop.

(2) L-iskop ta' din id-Direttiva huwa, bħala l-ewwel priorità, il-prevenzjoni ta' l-apparat elettriku u elettroniku għall-iskart (WEEE), u b'żieda ma dan, l-użu mill-ġdid, riċiklaġġ u forom oħra ta' rkuprar ta' skart bħal dak sabiex jitnaqqas ir-rimi ta' l-iskart. Hija tfittex ukoll li ttejjeb l-operat ambjentali tal-operaturi kollha involuti fiċ-ċiklu tal-ħajja tal-apparat elettriku u elettroniku, bħal ma huma produtturi, distributuri u konsumaturi u partikolarment dawk l-operaturi involuti direttament fit-trattament ta' l-apparat elettriku u elettroniku għall-iskart.

(3) Dawn ir-regolamenti jipprovdu miżuri addizjonali, proċeduri u gwida ma' dawk li hemm fir-Regolamenti ta' l-2001 dwar Permessi u Kontrolli fil-Maniġġjar ta' Skart. A.L. 337 tal-2001.

**3.** (1) F'dawn ir-regolamenti, kemm-il darba ir-rabta tal-kliema ma tkunx teħtieġ xort'oħra: Interpretazzjoni.

[1] U L 37, 13.2.2003, p. 24.
[2] U L 345, 31.12.2003, p. 106.

“apparat elettriku u elettroniku” jew “EEE” tfisser apparat li jiddependi fuq kurrenti elettriċi jew *fields* elettromanjetiċi sabiex jaħdem korrettement u apparat għall-ġenerazzjoni, trasferiment u kejl ta’ tali kurrenti u *fields* li jaqgħu fil-kategoriji stipulati fl-Iskeda 1A ta’ dawn ir-regolamenti u magħmula għall-użu b’*rating* ta’ vultaġġ li ma jeċċedix l-1,000 Volt għall-kurrent li jalterna u l-1,500 Volt għall-kurrent dirett;

“apparat elettriku u elettroniku għall-iskart” tfisser apparat elettriku jew elettroniku li huwa skart, inkluż il-komponenti, sub-assemblaġġi u konsumabbli kollha li jkunu parti mill-prodott fil-mument tar-rimi;

“L-Att” tfisser l-Att dwar il-Ħarsien ta’ l-Ambjent;

“l-Awtorità Kompetenti” tfisser l-Awtorità ta’ Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar u dawk il-korpi jew persuni oħra kif il-Ministru b’ordni fil-Gazzetta jordna, u korpi u persuni oħra kif jistgħu jiġu magħżula mill-awtorità kompetenti għal disposizzjonijiet differenti u għall-għanijiet differenti ta’ dawn ir-regolamenti;

“distributur” tfisser kwalunkwe persuna li tipprovdi apparat elettriku jew elettroniku fuq bażi kummerċjali lil parti li tkun se tużah;

“ftehim” tfisser il-ftehim formali konkluż bejn l-Awtorità Kompetenti u l-operaturi ekonomiċi konernati, li għandu jkun miftuħ għall-imsieħba kollha li jixtiequ jilħqu l-kondizzjonijiet tal-ftehim bil-għan li jilħqu l-għanijiet ta’ dawn ir-regolamenti;

“ftehim ta’ finanzjament” tfisser kwalunkwe self, kiri, jew ftehim ta’ bejgħ iddifferit jew arranġament li jirrigwarda kwalunkwe apparat kemm jekk il-pattijiet ta’ dak il-ftehim jew arranġament jew kwalunkwe ftehim jew arranġament kollaterali jipprovdu li t-trasferiment tal-propjetà ta’ dak l-apparat għandha jew tista’ sseħħ, kemm jekk le;

“jqiegħed fis-suq” tfisser meta apparat elettriku jew elettroniku, materjal jew komponenti tiegħu jiġu trasferiti mill-istadju tal-manifattura bl-intenzjoni tad-distribuzzjoni fis-suq f’Malta; u “tqegħid ta’ prodott fis-suq” għandha tiftiehem f’dan is-sens;

“il-Ministru” tfisser il-Ministru responsabbli għall-ambjent;

"operaturi ekonomiċi" tfisser produtturi, distributuri, kolletturi, dawk li jżarmaw, dawk li jqattgħu bċejjeċ , rkupraturi, riċiklaturi u operaturi oħra tat-trattament tal-apparat elettriku u elettroniku għall-iskart, inklużi il-komponenti u l-materjal tagħhom;

"prevenzjoni" tfisser miżuri immirati sabiex inaqqsu l-kwantità u d-dannu għall-ambjent tal-WEEE u l-materjali u sustanzi li jikkontjeni;

"produttur" tfisser kwalunkwe persuna li, irrispettivament mit-teknika ta' bejgħ użata, inkluż permezz ta' komunikazzjoni mid-distanza skond id-Direttiva 97/7/KE[3] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju, 1997 dwar il-protezzjoni tal-konsumaturi fir-rigward tal-kuntratti mid-distanza:

(i) jimmanifattura u jbiegħ apparat elettriku jew elettroniku taħt il-marka kummerċjali tiegħu, jew

(ii) ibiegħ mill-ġdid taħt il-marka kummerċjali tiegħu apparat prodott minn fornituri oħrajn, f'liema każ bejjiegħ mill-ġdid ma jitqiesx bħala produttur jekk il-marka kummerċjali tal-produttur tkun tidher fuq l-apparat, kif provdut fil-paragrafu (i), jew

(iii) jimporta jew jesporta apparat elettriku jew elettroniku fuq bażi professjonali f'Malta jew barra minn Malta.

Kull min esklużivament jipprovdi finanzjament taħt jew skond xi ftehim ta' finanzjament ma għandux jitiqies bħala produttur sakemm ma jkunx jaġixxi wkoll bħala produttur fil-kuntest tat-tifsira tal-paragrafi (i) sa (iii);

"riċiklar" tfisser l-ipproċessar mill-ġdid fi proċess ta' produzzjoni tal-materjal tal-iskart għall-iskop oriġinali jew għal skopijiet oħra, iżda li jeskludu l-irkupru ta' l-enerġija li tfisser l-użu ta' skart kombustibbli bħala mezz biex tiġi ġenerata l-enerġija permezz tal-inċinerazzjoni diretta bi skart ieħor jew mingħajru iżda bl-irkupru tas-sħana;

"skart" b'żieda ma' dak li jingħad fl-Att dwar il-Ħarsien tal-Ambjent, tfisser kull ħaġa, sustanza, prodott jew oġġett, f'għamla jew solida jew likwida, u xorta sew perikoluża sew xort' oħra li possessur iwarrab għar-rimi, jew ikun bi ħsiebu,

[3] U L 144, 4.6.1997, p. 19.

jew ikun meħtieġ li jwarrab għar-rimi, jew dak kollu li jitqies bħala skart mill-Awtorità kompetenti maħtura mill-Ministru responsabbli għall-ambjent taħt l-artikolu 6 tal-Att dwar il-Ħarsien ta' l-Ambjent;

"sustanza jew preparazzjoni perikoluża" tfisser kwalunkwe sustanza jew preparazzjoni li għandha tiġi kkunsidrata bħala perikoluża taħt id-Direttiva tal-Kunsill 67/548/KEE[4] jew Direttiva 1999/45/KE[5] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill;

"trattament" tfisser kwalunkwe attività wara li l-WEEE ikun ġie ikkonsenjat lil xi faciltà biex ikun imnaddaf mit-tinġis, żarmat, imqatta' bi *shredder*, irkuprat jew mħejji għar-rimi ta' l-iskart u kwalunkwe operazzjoni oħra magħmula għall-irkupru jew għar-rimi tal-WEEE, jew tat-tnejn li huma;

"użu mill-ġdid" tfisser kull operazzjoni li biha l-WEEE jew komponenti tiegħu jintużaw għall-istess skop li jkunu għalih inħolqu, inkluż l-użu kontinwu tal-apparat jew komponenti tiegħu li jiġu ritornati f'punti ta' ġbir, distributuri, riċiklaturi jew manifatturi;

"WEEE" tfisser apparat elettriku u elettroniku għall-iskart kif imfisser f'dan is-subregolament;

"WEEE minn residenzi privati" tfisser WEEE li jiġi minn residenzi privati u minn sorsi kummerċjali, industrijali, istituzzjonali jew oħrajn li, minħabba n-natura u l-kwantità tiegħu, huwa simili għal dak minn residenzi privati.

(2) Il-frażijiet l-oħra kollha għandu jkollhom l-istess tifsir mogħti lilhom fir-regolament 2 tar-Regolamenti ta' l-2001 dwar Permessi u Kontrolli fil-Maniġġar ta' Skart.

Applikabilità.

**4.** (1) Dawn ir-regolamenti jkopru l-apparat elettriku u elettroniku li jaqa' fil-kategoriji stipulati fl-Iskeda 1A ta' dawn ir-regolamenti sakemm l-apparat konċernat ma huwiex parti ta' tip ieħor ta' apparat li ma jaqax fl-iskop ta' dawn ir-regolamenti. L-Iskeda 1B ta' dawn ir-regolamenti tikkontjeni lista ta' prodotti li jaqgħu fil-kategoriji stipulati fl-Iskeda 1A ta' dawn ir-regolamenti.

_____
[4] U 196, 16.8.1967, p. 1. Direttiva kif l-aħhar emendat mid-Direttiva tal-Kummissjoni 2001/59/KE ( U L 225, 21.8.2001, p. 1).
[5] U L 200, 30.7.1999, p. 1. Direttiva kif l-aħhar emendat mid-Direttiva tal-Kummissjoni 2001/60/KE ( U L 226, 22.8.2001, p. 5).

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom japplikaw mingħajr preġudizzju għad-disposizzjonijiet eżistenti, fosthom ħtiġijiet dwar is-sigurtà u s-saħħa u leġislazzjoni speċifika dwar l-immaniġġjar tal-iskart, partikolarment ir-Regolamenti tal-2002 dwar l-Immaniġġjar ta' l-Iskart (Batteriji u Akkumulaturi). A.L. 158 ta' l-2002.

(3) Apparat li huwa konness mal-protezzjoni ta' l-interessi essenzjali tas-sigurtà, armi, munizzjoni u materjal tal-gwerra għandu jiġi eskluż minn dawn ir-regolamenti. Madankollu, dan ma japplikax għal prodotti li mhumiex maħsuba għal skopijiet speċifikament militari.

Disinn tal-prodott.

**5.** (1) L-Awtorità Kompetenti għandha tinkoraġġixxi d-disinn u l-produzzjoni ta' apparat elettriku u elettroniku li jieħdu in konsiderazzjoni u jiffaċilitaw iż-żarmar u l-irkupru, partikolarment l-użu mill-ġdid u r-riċiklar tal-WEEE, tal-komponenti u tal-materjali tagħhom.

(2) L-Awtorità Kompetenti għandha tieħu miżuri speċifiċi biex tiżgura li l-produtturi ma jżommux, permezz ta' karatteristiċi partikolari tad-disinn jew proċessi tal-manifattura, il-WEEE milli jintużaw mill-ġdid, sakemm tali karatteristiċi partikolari tad-disinn jew proċessi tal-manifattura jkunu jippreżentaw vantaġġi li jissuperaw, bħal fir-rigward tal-protezzjoni ta' l-ambjent jew ħtiġijiet tas-sigurtà, jew it-tnejn li huma.

Ġbir separat.

**6.** (1) L-Awtorità Kompetenti għandha tieħu l-miżuri meħtieġa biex tiżgura li r-rimi tal-WEEE bħala skart muniċipali mhux sortjat ikun minimizzat u jintlaħaq livell għoli ta' ġbir separat tal-WEEE.

(2) Għall-WEEE minn residenzi privati, l-Awtorità Kompetenti għandha tieħu l-miżuri meħtieġa sabiex sat-13 ta' Awissu, 2005 tiżgura:

(a) li l-operaturi ekonomiċi għandhom jużaw sistemi eżistenti jew jistabbilixxu sistemi għall-ġbir ta' skart bħal dak filwaqt li jippermettu l-possessuri ta' skart bħal dak li mill-inqas jirritornawh mingħajr ħlas;

(b) id-disponibilità u l-aċċessibiltà tal-faċilitajiet tal-ġbir meħtieġa, tenut kont partikolarment tad-densità tal-popolazzjoni;

(ċ) li meta jiġi fornut prodott ġdid, id-distributuri għandhom jiżguraw illi dak l-iskart ikun jista' jiġi ritornat lid-distributur għall-inqas mingħajr ħlas fuq bażi ta' wieħed-għal-

wieħed sakemm l-apparat huwa ta’ tip ekwivalenti u jkun laħaq l-istess funzjonijiet bħall-apparat li jkun ġie fornut;

(d) li mingħajr preġudizzju għall-paragrafi (a), (b) u (ċ) ta’ dan is-subregolament u mingħajr preġudizzju għas-subregolament (3) ta’ dan ir-regolament, il-produtturi għandhom jitħallew jistabbilixxu u joperaw sistemi ta’ teħid lura individwali jew kollettivi, jew it-tnejn li huma, għall-WEEE minn residenzi privati sakemm dawn ikunu konformi ma’ l-għanijiet ta’ dawn ir-regolamenti;

(e) illi tenut kont ta’ l-*istandards* tas-saħħa u s-sigurtà, l-WEEE li jippreżenta riskju għas-saħħa u s-sigurtà lill-impjegati minħabba kontaminazzjoni jista’ jiġi rifjutat sabiex jiġi ritornat taħt il-paragrafi (a), (b) u (ċ) ta’ dan is-subregolament u s-subregolament (3) ta’ dan ir-regolament u li għandhom isiru arranġamenti speċifiċi għal tali WEEE.

(f) li jista’ jiġi provdut dwar l-arranġamenti speċifiċi għar-ritorn tal-WEEE taħt il-paragrafi (a), (b) u (ċ) ta’ dan is-subregolament u s-subregolament (3) ta’ dan ir-regolament jekk l-apparat ma jkunx jikkontjeni l-komponenti essenzjali jew jekk l-apparat ikun fih skart ieħor minbarra WEEE.

(3) L-Awtorità Kompetenti tista’ teżenta distributuri taħt il-paragrafu (ċ) tas-subregolament (2) sakemm huma jaċċertaw illi t-teħid lura tal-WEEE ma jiġix b’hekk magħmul iżjed diffiċli għall-possessur finali u sakemm dawn is-sistemi jibqgħu mingħajr ħlas għall-possessur finali.

(4) Fil-każ ta’ WEEE minbarra WEEE minn residenzi privati, u mingħajr preġudizzju għar-regolament 10 ta’ dawn ir-regolamenti, l-Awtorità Kompetenti għandha tieħu l-miżuri meħtieġa biex tiżgura li produtturi jew terzi li jaġixxu għan-nom tagħhom jipprovdu għall-ġbir ta’ skart bħal dak.

(5) L-Awtorità Kompetenti għandha tieħu l-miżuri meħtieġa sabiex tiżgura li:

(a) il-WEEE kollu miġbur taħt is-subregolamenti (1), (2), (3) u (4) għandu jiġi trasportat għall-faċilitajiet tat-trattament awtorizzati taħt ir-regolament 7 ta’ dawn ir-regolamenti sakemm l-apparat ma jiġix użat mill-ġdid fit-totalità tiegħu;

(b) l-użu mill-ġdid ippjanat ma għandux iwassal għaċ-ċirkonvenzjoni ta’ dawn ir-regolamenti, partikolarment fir-rigward tar-regolamenti 7 u 8 ta’ dawn ir-regolamenti;

(ċ) il-ġbir u t-trasport ta' WEEE miġbur separatament għandu jsir b'mod li jagħmel l-aħjar użu mill-użu mill-ġdid u r-riċiklar ta' dawk il-komponenti jew apparat sħiħ li jista' jintuża mill-ġdid jew jiġi riċiklat.

(6) Mingħajr preġudizzju għas-subregolament (1) ta' dan ir-regolament, l-Awtorità Kompetenti għandha tieħu l-miżuri meħtieġa sabiex tiżgura li l-aktar tard sal-31 ta' Diembru, 2008 tintlaħaq rata ta' ġbir separat ta' medja ta' mill-inqas erba' kilogrammi ta' WEEE għal kull abitant kull sena minn residenzi privati.

**7.** (1) L-Awtorità Kompetenti għandha tieħu l-miżuri meħtieġa sabiex tiżgura illi:

(a) produtturi jew terzi li jaġixxu għan-nom tagħhom jistabilixxu sistemi, individwalment jew kollettivament, jew it-tnejn flimkien, skond kull liġi u regolament eżistenti, sabiex jipprovdu għat-trattament tal-WEEE bl-użu tal-aħjar tekniċi disponibbli ta' trattament, irkupru u riċiklaġġ. Trattament.

(b) it-trattament għandu, bħala minimu, jinkludi t-tneħħija tal-fluwidi kollha u trattament selettiv skond id-disposizzjonijiet tar-Regolamenti ta' l-2001 dwar Permessi u Kontrolli fil-Maniġġjar ta' Skart, u b'konformità mal-Iskeda 2 li tinsab ma' dawn ir-regolamenti. Mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe regolamenti relevanti oħrajn dwar is-saħħa u l-ambjent;

(ċ) kwalunkwe stabbiliment jew azjenda li twettaq operazzjonijiet ta' trattament għandu jkollha fil-pussess tagħha permess validu mill-Awtorità Kompetenti;

(d) id-deroga mill-ħtieġa ta' permess msemmija fid-disposizzjonijiet tar-Regolamenti tal-2004 dwar l-Immaniġġjar ta' l-Iskart (Reġistrazzjoni ta' l-Attività) tista' tapplika għall-operazzjonijiet ta' rkupru li jikkonċernaw il-WEEE sakemm issir spezzjoni mill-Awtorità Kompetenti qabel ir-reġistrazzjoni sabiex tiżgura l-konformità mar-Regolamenti ta' l-2001 dwar Permessi u Kontrolli fil-Maniġġjar ta' Skart;

(e) l-ispezzjoni msemmija fil-paragrafu (d) għandha tivverifika:

(i) it-tip u l-kwantitajiet ta' l-iskart li għandu jiġi trattat;

(ii) il-ħtiġijiet ġenerali tekniċi li għandu jkun hemm konformità magħhom;

(iii) il-prekawzjonijiet dwar is-sigurtà li għandhom jittieħdu;

(f) l-ispezzjoni msemmija fil-paragrafi (d) u (e) għandha ssir mill-inqas darba fis-sena;

(g) kwalunkwe stabbiliment jew azjenda li twettaq operazzjonijiet ta’ trattament għanda taħżen u titratta l-WEEE b’konformità mal-ħtiġijiet tekniċi stipulati fl-Iskeda 3 ta’ dawn ir-regolamenti;

(h) il-permess jew ir-reġistrazzjoni msemmija fil-paragrafi (ċ) u (d) għandhom jinkludu l-kondizzjonijiet meħtieġa għall-konformità mal-ħtiġijiet tal-paragrafi (a), (b) u (ġ) u mal-ħtiġijiet msemmija fis-subregolament (2) ta’ dan ir-regolament biex jiġu milħuqa l-miri ta’ rkuprar stipulati fir-regolament 8 ta’ dawn ir-regolamenti;

(i) stabbilimenti jew azjendi li jwettqu operazzjonijiet ta’ trattament għandhom, sa fejn ikun prattikabbli, jintroduċu sistemi ta’ immaniġġjar ambjentali li jkunu ċertifikati skond ir-Regolament (KE) Nru 761/2001[6] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta’ Marzu, 2001 li jippermettu parteċipazzjoni voluntarja minn organizazzjonijiet fi skema Komunitarja ta’ *eco-management* u awditjar (EMAS):

Iżda l-operazzjoni tat-trattament tista’ ssir barra minn Malta jew il-Komunità ħasbet sabiex il-kunsinna bil-vapur ta’ WEEE għandha tkun konformi mar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 259/93[7] tal-1 ta’ Frar, 1993 dwar is-superviżjoni u kontroll ta’ kunsinni ta’ skart bil-vapur fi ħdan, ġewwa u barra mill-Komunità Ewropea.

Iżda wkoll il-WEEE għandha tkun esportat ’l barra mill-Komunità skond ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 259/93, ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1420/1999[8] tad-29 ta’ April, 1999 li jistabilixxi regoli u proċeduri komuni sabiex japplikaw għal kunsinni bil-baħar għal ċerti pajjiżi li mhumiex tal-OECD ta’ ċerti

[6] U L 114, 24.4.2001, p. 1.
[7] U L 30, 6.2.1993, p. 1. Regolament kif l-aħħar emendat mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2557/2001 ( U L 349, 31.12.2001, p. 1).
[8] U L 166, 1.7.1999, p. 6. Regolament kif l-aħħar emendat mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2243/2001 ( U L 303, 20.11.2001, p. 11).

tipi ta' skart u r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1547/1999[9] tat-12 ta' Lulju, 1999 li jiddetermina l-proċeduri ta' kontroll taħt ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 259/93 sabiex japplikaw għal kunsinni bil-vapur ta' ċerti tipi ta' skart lejn ċerti pajjiżi li ma tapplikax għalihom id-Deċiżjoni finali tal-OECD C(92)39, għandu jgħodd biss għat-twettiq tal-obbligi u miri tar-regolament 8 ta' dawn ir-regolamenti jekk l-esportatur jista' jġib prova li l-operazzjoni ta' rkupru, użu mill-ġdid jew riċiklaġġ, jew it-tnejn li huma, saru taħt kondizzjonijiet li huma ekwivalenti għall-ħtiġijiet ta' dawn ir-regolamenti.

(2) Mingħajr preġudizzju għall-paragrafi (a) u (b) tas-subregolament (1), u għall-iskopijiet tal-protezzjoni ambjentali, l-Awtorità Kompetenti tista' tistabbilixxi *standards* minimi ta' kwalità għat-trattament tal-WEEE miġbur.

**8.** (1) L-Awtorità Kompetenti għandha tieħu l-miżuri meħtieġa sabiex tiżgura illi: Rkuprar.

(a) produtturi jew terzi li jaġixxu għan-nom tagħhom għandhom jistabbilixxu sistemi, individwalment jew kollettivament, jew it-tnejn li huma, skond kull liġi u regolament eżistenti, sabiex jipprovdu għall-irkuprar tal-WEEE miġbur separatament skond ir-regolament 6 ta' dawn ir-regolamenti;

(b) tingħata priorità għall-użu mill-ġdid ta' apparat sħiħ:

Iżda dak l-apparat, ma għandux sal-31 ta' Diċembru, 2008, jitqies fil-kalkolazzjoni tal-miri stipulati fis-subregolament (2) ta' dan ir-regolament; u

(ċ) għandu jiġi inkoraġġit l-iżvilupp ta' teknoloġiji ġodda ta' rkuprar, riċiklaġġ u trattament.

(2) Dwar WEEE mibgħut għat-trattament skond ir-regolament 7 ta' dawn ir-regolamenti, l-Awtorità Kompetenti għandha tieħu l-miżuri meħtieġa sabiex tiżgura li l-produtturi jkunu sejrin, sal-31 ta' Diċembru, 2008, jilħqu s-segwenti miri:

(a) għall-WEEE li jaqa' taħt il-kategoriji 1 u 10 tal-Iskeda 1A li tinsab ma' dawn ir-regolamenti,

(i) ir-rata ta' rkupru għandha tiżdied għal minimu ta' 80 % b'piż medju għal kull apparat, u

[9] U L 185, 17.7.1999, p1. Regolament kif l-aħħar emendat mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2243/2001.

(ii) l-użu mill-ġdid u r-riċiklaġġ ta' komponenti, materjal u sustanza għandu jiżdied għal minimu ta' 75 % b'piż medju għal kull apparat;

(b) għall-WEEE li jaqa' fil-kategoriji 3 u 4 ta' l-Iskeda 1A ta' dawn ir-regolamenti,

(i) ir-rata ta' rkupru għandha tiżdied għal minimu ta' 75 % b'piż medju għal kull apparat, u

(ii) l-użu mill-ġdid u r-riċiklaġġ ta' komponenti, materjal u sustanza għandu jiżdied għal minimu ta' 65 % b'piż medju għal kull apparat;

(ċ) għall-WEEE li jaqa' fil-kategoriji 2, 5, 6, 7 u 9 ta' l-Iskeda 1A li tinsab ma' dawn ir-regolamenti,

(i) ir-rata ta' rkupru għandha tiżdied għal minimu ta' 70 % b'piż medju għal kull apparat, u

(ii) l-użu mill-ġdid u r-riċiklaġġ ta' komponenti, materjal u sustanza għandu jiżdied għal minimu ta' 50 % b'piż medju għal kull apparat;

(d) għall-lampi li jiskarikaw il-gass l-użu mill-ġdid u r-riċiklaġġ ta' komponenti, materjal u sustanza għandu jiżdied għal minimu ta' 80 % bil-piż tal-lampi:

Iżda, sabiex jiġu kalkolati dawn il-miri, produtturi jew terzi li jaġixxu għan-nom tagħhom għandhom iżommu reġistri dwar il-piż tal WEEE, il-komponenti tagħhom, materjali jew sustanzi meta jidħlu (*input*) u jitilqu (*output*) mill-faċilità tat-trattament jew meta jidħlu (*input*) u jitilqu (*output*), jew it-tnejn li huma, mill-faċilità ta' rkupru jew riċiklaġġ.

Finanzjament dwar WEEE minn residenzi privati.

**9.** (1) L-Awtorità Kompetenti għandha tieħu l-miżuri meħtieġa sabiex tiżgura illi:

(a) il-produtturi għandhom, sat-13 ta' Awissu, 2005, jipprovdu mill-anqas għall-finanzjament tal-ġbir, trattament, rkuprar u rimi li ma jagħmilx ħsara lill-ambjent ta' WEEE minn residenzi privati depożitat fil-faċilitajiet tal-ġbir, stabbiliti taħt is-subregolamenti (2) u (3) tar-regolament 6 ta' dawn ir-regolamenti;

(b) għal prodotti li jitqegħdu fis-suq mhux iżjed tard mit-13 ta' Awissu, 2005, kull produttur għandu jiffinanzja l-operazzjonijiet msemmija fil-paragrafu (a) ta' dan is-subregolament dwar l-iskart mill-prodotti tiegħu stess:

Iżda l-produttur jista' jagħżel li jissodisfa din l-obbligazzjoni jew individwalment jew billi jidħol fi skema kollettiva awtorizzata ta' ġbir, trattament u rkupru tal-WEEE;

(ċ) kull produttur għandu jipprovdi garanzija meta jqiegħed prodott fis-suq li turi li l-immaniġġar tal-WEEE kollu se jkun finanzjat u li l-produtturi għandhom jimmarkaw ċar il-prodotti tagħhom skond is-subregolament (4) tar-regolament 13 ta' dawn ir-regolamenti;

(d) il-garanzija msemmija fil-paragrafu (ċ) tista' tieħu l-forma ta' parteċipazzjoni mill-produttur fi skema kollettiva awtorizzata ta' ġbir, trattament u rkupru tal-WEEE għall-finanzjament tal-immaniġġar tal-WEEE, assigurazzjoni tar-riċiklaġġ jew kont bankarju imblukkat;

(e) l-ispejjeż tal-ġbir, trattament u rimi li ma jagħmilx ħsara lill-ambjent ma għandhomx jintwerew separatament lix-xerrejja fil-mument tal-bejgħ ta' prodotti ġodda:

Iżda l-produtturi, għandhom, sat-13 ta' Awissu, 2012 għall-kategoriji 2, 3, 4, 5, 6, 7, 8, 9 u 10 tal-Iskeda 1A li tinsab ma' dawn ir-regolamenti u sat-13 ta' Awissu, 2014 għall-kategorija 1 tal-Iskeda 1A li tinsab ma' dawn ir-regolamenti, jitħallew juru lill-produtturi, fil-mument tal-bejgħ ta' prodotti ġodda, l-ispejjeż tal-ġbir, trattament u rimi b'mod li ma jagħmilx ħsara lill-ambjent.

Iżda wkoll dawk l-ispejjeż ma għandhomx jeċċedu l-ispejjeż attwali inkorsi;

(f) ir-responsabilità għall-finanzjament tal-ispejjeż tal-immaniġġjar tal-WEEE minn prodotti mqegħda fis-suq qabel it-13 ta' Awissu, 2005 (skart storiku) għandha tiġi provduta minn skema waħda jew iżjed kollettiva awtorizzata għall-ġbir, trattament u rkupru li għaliha l-produtturi kollha, li jeżistu fis-suq fil-mument meta jsiru l-ispejjeż rispettivi, jikkontribwixxu proporzjonament, bħal fi proporzjon għas-sehem rispettiv tagħhom tas-suq skond it-tip ta' apparat.

(2) L-Awtorità Kompetenti għandha tieħu l-miżuri meħtieġa sabiex tiżgura li produtturi li jfornu apparat elettriku jew

elettroniku permezz ta’ komunikazzjoni mid-distanza jkunu jikkonformaw ukoll mal-ħtiġijiet stipulati f’dan ir-regolament għall-apparat fornut fl-Istat Membru fejn ikun joqgħod ix-xerrej ta’ dak l-apparat.

Finanzjament dwar WEEE minn dawk li jużawhom mhux f’ residenzi privati.

**10.** (1) L-Awtorità Komptenti għandha tieħu l-miżuri meħtieġa sabiex tiżgura illi:

(a) il-produtturi għandhom, sat-13 ta’ Awissu, 2005, jipprovdu għall-finanzjament tal-ispejjeż għall-ġbir, trattament, irkupru u rimi li ma jagħmilx ħsara lill-ambjent ta’ WEEE minn dawk li jużawhom mhux f’residenzi privati minn prodotti li jitqegħdu fis-suq wara t-13 ta’ Awissu, 2005;

(b) għall-WEEE minn prodotti li jitqegħdu fis-suq qabel it-13 ta’ Awissu, 2005 (skart storiku), l-finanzjament tal-ispejjeż tal-immaniġġjar għandu, sat-13 ta’ Awissu, 2005, ikun kif stipulat fil-paragrafi (ċ) u (d);

(ċ) għall-iskart storiku li jkun qed jiġi sostitwit minn prodotti ġodda ekwivalenti jew minn prodotti ġodda li jissodisfaw l-istess funzjoni, il-produtturi ta’ dawk il-prodotti meta jfornuhom għandhom jipprovdu għall-finanzjament tal-ispejjeż:

Iżda bħala alternattiva, l-Awtorità Kompetenti, kif jista’ jordna l-Ministru, tista’ tipprovdi li dawk li jużawhom mhux f’residenzi privati jistgħu jitqiesu wkoll, parzjalment jew totalment, responsabbli għal dan il-finanzjament;

(d) għal skart storiku ieħor, dawk li jużawh mhux f’ residenzi privati għandhom jipprovdu għall-finanzjament tal-ispejjeż.

(2) Mingħajr preġudizzju għad-disposizzjonijiet ta’ dawn ir-regolamenti, produtturi u dawk li jagħmlu użu mhux f’ residenzi privati jistgħu jagħmlu pattijiet li jkunu jistipulaw metodi oħra ta’ finanzjament.

Informazzjoni għal dawk li jużawhom.

**11.** L-Awtorità Kompetenti għandha tieħu l-miżuri meħtieġa sabiex tiżgura illi:

(1) Produtturi jew distributuri, jew it-tnejn li huma, bħal fl-istruzzjonijiet għall-użu jew fil-punt tal-bejgħ, għandhom jipprovdu lil dawk li jużaw apparat elettriku u elettroniku f’residenzi privati bl-informazzjoni meħtieġa dwar:

(a) il-ħtieġa li ma jintremiex WEEE bħala skart muniċipali mhux sortjat u li tali WEEE jinġabar separatament;

(b) is-sistemi ta' ritorn u ġbir li huma disponibbli għalihom;

(ċ) ir-rwol tagħhom sabiex jikkontribwixxu għall-użu mill-ġdid, riċiklaġġ u forom oħra ta' rkuprar tal-WEEE;

(d) l-effetti potenzjali fuq l-ambjent u s-saħħa tal-bnedmin bħala riżultat tal-preżenza ta' sustanzi perikolużi f'apparat elettriku u elettroniku;

(e) it-tifsira tas-simbolu muri fl-Iskeda 4 li tinsab ma' dawn ir-regolamenti.

(2) Bil-għan li jitnaqqas ir-rimi tal-WEEE bħala skart muniċipali mhux sortjat u sabiex jiġi faċilitat il-ġbir separat tiegħu, il-produtturi għandhom jimmarkaw adewgatament l-apparat elettriku u elettroniku mqiegħed fuq is-suq wara t-13 ta' Awissu, 2005 bis-simbolu muri fl-Iskeda 4 li tinsab ma' dawn ir-regolamenti:

Iżda, f'każijiet eċċezzjonali, fejn dan huwa meħtieġ minħabba d-daqs jew il-funzjoni tal-prodott, is-simbolu għandu jiġi stampat fuq l-ippakkettjar, fuq l-istruzzjonijiet għall-użu u fuq il-garanzija tal-apparat elettriku u elettroniku.

Dmirijiet tal-konsumaturi tal-EEE.

**12.** Il-konsumaturi għandhom jipparteċipaw fil-ġbir tal-WEEE u jiffaċiliatw il-proċess ta' l-użu mill-ġdid, trattament u rkuprar.

Informazzjoni għall-faċilitajiet tat-trattament.

**13.** Sabiex jiġi faċilitat l-użu mill-ġdid u t-trattament korrett u li ma jagħmilx ħsara lill-ambjent tal-WEEE, inklużi l-manutenzjoni, aġġornar, *refurbishment* u riċiklaġġ, l-Awtorità Kompetenti għandha tieħu l-miżuri meħtieġa sabiex tiżgura illi:

(a) il-produtturi għandhom jipprovdu informazzjoni dwar l-użu mill-ġdid u trattament għal kull tip ta' EEE ġdid li jitqiegħed fis-suq fi żmien sena wara li l-apparat jitqiegħed fis-suq;

(b) l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu (a) għandha tidentifika, sa fejn hu meħtieġ ċentri ta' l-użu mill-ġdid, u faċilitajiet tat-trattament u riċiklaġġ sabiex tikkonforma mad-disposizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti, il-komponenti u materjal differenti tal-EEE, kif ukoll il-lok ta' sustanzi u preparazzjonijiet perikolużi fl-EEE;

(ċ) produtturi ta' l-EEE għandhom jirrendu disponibbli l-informazzjoni msemmija fis-subregolamenti (1) u (2) liċ-ċentri ta' użu mill-ġdid u faċilitajiet tat-trattament u riċiklaġġ fil-forma ta' manwali jew per mezz ta' medja elettronika (bħal CD-ROM, servizzi *online*);

(d) Kwalunkwe produttur ta' xi apparat elettriku jew elettroniku li jitqiegħed fis-suq wara t-13 ta' Awissu, 2005 għandu jiżgura li jkun identifikabbli b'mod ċar b'marka fuq l-apparat li għandha tispeċifika li dan ikun tqiegħed fis-suq wara t-13 ta' Awissu, 2005 sabiex jippermetti li d-data li fiha l-apparat tqiegħed fis-suq tiġi determinata mingħajr ekwivoku.

Reġistru tal-produtturi u informazzjoni.

**14.** L-Awtorità Kompetenti għandha tħejji reġistru tal-produtturi u tiġbor informazzjoni, inklużi estimi sostanzjati, fuq bażi annwali dwar il-kwantitajiet u l-kategoriji ta' l-apparat elettriku u elettroniku mqiegħed fis-suq tagħhom, miġbur permezz tar-rotot kollha, użat mill-ġdid, riċiklat u rkuprat, u dwar l-iskart miġbur li ġie esportat, bil-piż jew, jekk dan mhux possibbli, bl-għadd.

Informazzjoni u rappurtaġġ.

**15.** L-Awtorità Kompetenti għandha tieħu l-miżuri meħtieġa sabiex tiżgura li l-produtturi li jfornu apparat elettriku u elettroniku permezz tal-komunikazzjoni mid-distanza għandhom jipprovdu lill-Awtorità Kompetenti bl-informazzjoni dwar il-konformità mal-ħtiġijiet tas-subregolament (2) tar-regolament 9 ta' dawn ir-regolamenti u dwar il-kwantitajiet u l-kategoriji ta' l-apparat elettriku u elettroniku mqegħda fis-suq ta' l-Istat Membru fejn ikun joqgħod ix-xerrej ta' dak l-apparat.

Pattijiet ta' ftehim.

**16.** Għall-għanijiet li jintlaħqu l-miri, u jiġu sodisfatti d-disposizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti, operaturi ekonomiċi jistgħu ikunu partijiet f'pattijiet ta' ftehim li jsiru ma' l-Awtorità Kompetenti. Dawk il-pattijiet għandhom jispeċfikaw ir-regoli dettaljati dwar l-implimentazzjoni ta' dawn ir-regolamenti. Barra minn hekk, dawn il-pattijiet:

(a) għandhom ikunu inforzabbli skond il-liġi;

(b) għandhom jispeċifikaw l-għanijiet mat-termini ta' żmien relattivi;

(ċ) għandhom ikunu pubblikati fil-Gazzetta;

(d) għandu jkollhom ir-riżultati miksuba taħthom kontrollati regolarment, rapportati lill-Awtorità Kompetenti u

jkunu disponibbli għall-pubbliku taħt il-kondizzjonijiet stipulati fil-ftehim;

(e) għandu jkollhom il-progress li jsir taħthom eżaminat skond dawk il-provvedimenti li tagħmel l-Awtorità Kompetenti.

**17.** L-Awtorità Kompetenti tista' teżenta produttur minn kull jew parti minn dawn ir-regolamenti sakemm il-produttur jipprovdi lill-Awtorità Kompetenti bi provi li jkun qed jipparteċipa fi skema awtorizzata ta' ġbir, trattament u rkuprar tal-WEEE. Parteċipazzjoni fi skema awtorizzata ta' ġbir, trattament u rkuprar tal-WEEE.

**18.** (1) Jekk produttur jagħżel li jagħmel użu minn skema eżistenti u awtorizzata ta' ġbir, trattament u rkuprar tal-WEEE, huwa jkun meħtieġ li jissottometti lill-Awtorità Kompetenti ftehim iffirmat mal-operatur ta' l-iskema awtorizzata ta' ġbir, trattament u rkuprar tal-WEEE sabiex jipprova li l-iskema tkun tikkonforma mad-disposizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti. Ftehim iffirmat ma' operatur ta' skema awtorizzata ta' ġbir, trattament u rkuprar tal-WEEE.

(2) Il-produttur għandu barra minn hekk jippreżenta lill-Awtorità Kompetenti kull sitt xhur dikjarazzjoni ta' konformità mad-disposizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti, iffirmata mill-operatur tal-iskema awtorizzata ta' ġbir, trattament u rkuprar tal-WEEE.

(3) L-operatur ta' l-iskema awtorizzata ta' ġbir, trattament u rkuprar tal-WEEE msemmija fis-subregolament (1) għandu:

(a) jintrabat li jwettaq l-attivitajiet miftehma u għan-nom tal-produttur skond kull liġi u regolament eżistenti,

(b) jipprovdi lill-Aworità Kompetenti ta' kull sitt xhur dik l-informazzjoni msemmija fir-regolamenti 11, 13 u 14 ta' dawn ir-regolamenti kif tapplika *mutatis mutandis* għall-produttur, u

(ċ) jipprovdi lill-Aworità Kompetenti ta' kull sitt xhur dikjarazzjoni tal-produttur ta' konformità mad-disposizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti.

(4) L-Awtorità Kompetenti tista' tispeċifika l-format li fih dik l-informazzjoni għandha tkun disponibbli.

(5) L-Awtorità Kompetenti għandha tirrendi din l-informazzjoni disponibbli skond ir-Regolamenti ta' l-2001 dwar il-Libertà ta' Aċċess għal Informazzjoni dwar l-Ambjent. A.L. 217 tal-2001.

**19.** (1) Persuni li bi ħsiebhom joperaw skema ta' ġbir, trattament u rkuprar tal-WEEE kif meħtieġa taħt dawn ir-regolamenti, Permess meħtieġ minn operatur ta' skema awtorizzata ta' ġbir, trattament u rkuprar tal-WEEE.

inkluż il-ġbir, sortjar, ħażna, trattament, esportazzjoni, rkuprar u riċiklar tal-WEEE għan-nom tal-produtturi għandhom jitolbu u jiksbu permess validu mill-Awtorità Kompetenti skond ir-Regolamenti ta’ l-2001 dwar Permessi u Kontrolli fil-Maniġġar ta’ Skart.

Applikazzjoni għal permess għall-operazzjoni ta’ skema ta’ ġbir, trattament u rkuprar tal-WEEE.

(2) Mingħajr preġudizzju għar-Regolamenti ta’ l-2001 dwar Permessi u Kontrolli fil-Maniġġar ta’ Skart, meta japplika għal permess bħal dak, kull tali persuna għandha tipprovdi lill-Awtorità Kompetenti b’din l-informazzjoni skond ma tkun tapplika:

(a) kopja tal-memorandum ta’ l-artikoli ta’ assoċjazzjoni;

Kap. 356

(b) kopja ta’ permess tal-iżvilupp validu maħruġ taħt l-Att dwar l-Ippjanar ta’ l-Iżvilupp;

(ċ) deskrizzjoni tas-sistema proposta li għandha tipprovdi għall-ġbir, trattament u rkuprar tal-WEEE skond id-disposizzjonijiet ta’ dawn ir-regolamenti;

(d) dettalji dwar kwalunkwe skema ta’ rifużjoni tad-depożitu jew skema adottata sabiex tiżgura r-ritorn tal-WEEE mill-konsumaturi;

(e) pjan finanzjarju fir-rigward tal-iskema proposta;

(f) il-piżijiet annwali ta’ WEEE f’kull kategorija li għandhom jinġabru, jiġu trattati u jiġu rkuprati;

(g) miri ta’ rkuprar annwali ta’ WEEE li għandhom jintlaħqu taħt l-iskema proposta;

(h) proposti għad-determinazzjoni u l-verifika ta’ l-irkuprar tal-WEEE taħt l-iskema proposta, inkluż l-estimi u l-assunzjonijiet li għandhom isiru f’dan il-proċess;

(i) proposti għaċ-ċertifikazzjoni tal-produtturi li għandhom jagħmlu użu minn dik l-iskema;

(j) proposti dwar kif l-informazzjoni taħt id-disposizzjonijiet ta’ dawn ir-regolamenti għandhom jiġu miġbura u jkunu disponibbli lill-Awtorità Kompetenti;

(k) kwalunkwe informazzjoni oħra relevanti mitluba mill-Awtorità Kompetenti.

(3) L-Awtorità Kompetenti tista' tispeċifika l-format li fih dik l-informazzjoni għandha tkun disponibbli.

(4) L-Awtorità Kompetenti għandha tagħmel din l-informazzjoni disponibbli skond ir-Regolamenti tal-2001 dwar il-Libertà ta' Aċċess għal Informazzjoni dwar l-Ambjent.

Spezzjoni u kontroll.

**20.** L-Awtorità Kompetenti għandha tieħu l-miżuri meħtieġa sabiex tiżgura li l-ispezzjoni u l-kontroll għandhom jippermettu li l-implimentazzjoni korretta ta' dawn ir-regolamenti tiġi verfikata, fil-kuntest, fost l-oħrajn, tar-Rakkomandazzjoni 2001/331/KE[10] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' April, 2001 li tipprovdi għall-kriterji minimi għall-ispezzjonijiet ambjentali fl-Istati Membri.

Reati taħt dawn ir-regolamenti.

**21**. Kwalunkwe persuna tkun ħatja ta' reat taħt dawn ir-regolamenti jekk:

(a) tonqos milli tikkonforma ma' kwalunkwe disposizzjoni ta' dawn ir-regolamenti jew tonqos milli tikkonforma mal-kondizzjonijiet tal-permess jew ma' kwalunkwe ordni legittimament mogħtija skond xi disposizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti; jew

(b) tikkontravjeni xi restrizzjoni, projbizzjoni jew ħtieġa imposta minn jew taħt dawn ir-regolamenti; jew

(ċ) taġixxi b'kontravenzjoni ta' xi disposizzjoni ta' dawn ir-regolamenti; jew

(d) tikkonfoffa jew tattenta, jew tgħin jew tassisti lil kwalunkwe persuna oħra bi kwalunkwe mezz, inkluż riklamar, għotja ta' parir jew ksib sabiex tikkontravjeni d-disposizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti jew sabiex tonqos milli tikkonforma ma' xi disposizzjonijiet bħal dawk (inkluża kull ordni leġittimament mogħtija skond xi disposizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti) jew sabiex tikkontravjeni kwalunkwe restrizzjoni, projbizzjoni jew ħtieġa imposta permezz jew taħt l-imsemmija regolamenti.

Pieni.

**22**. Kull persuna li tikkommetti reat taħt dawn ir-regolamenti tista', jekk tinstab ħatja, teħel:

(a) ma' l-ewwel kundanna, multa ta' mhux inqas minn ħames mitt liri Maltija (Lm500), iżda mhux iżjed minn elf lira Maltija (Lm1,000);

[10] U L 118, 27.4.2001, p. 41.

(b) mat-tieni kundanna jew kundanni oħra sussegwenti, multa' ta' mhux inqas minn elf lira Maltija (Lm1,000), iżda mhux iżjed minn elfejn lira Maltija (Lm2,000), jew priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn sentejn, jew kemm dik il-multa u priġunerija flimkien:

Iżda meta persuna tinsab ħatja li tkun ikkomettiet reat taħt dawn ir-regolamenti permezz ta' vettura, is-sid ta' dik il-vettura, meta dan ikun japplika, ikun responsabbli fl-istess manjiera u grad:

Iżda wkoll il-qorti tista' tordna lil persuna li tkun instabet ħatja li kkomettiet xi reat taħt dawn ir-regolamenti li tħallas għall-ispejjeż inkorsi mill-Awtorità Kompetenti msemmija f'dawn ir-regolamenti bħala riżultat tar-reat imsemmi, tirrevokalha l-permess maħruġ mill-Awtorità Kompetenti u tikkonfiskalha l-*corpus delicti*, inkluża l-vettura, meta dan ikun japplika.

Applikabilità tal-Kap. 9.

**23**. (1) Id-disposizzjonijiet ta' l-artikoli 23 u 30 tal-Kodiċi Kriminali għandhom, *mutatis mutandis*, japplikaw għall-proċeduri fir-rigward ta' reati kontra dawn ir-regolamenti, b'dan illi l-iskwalifika mill-pussess jew mill-ksib ta' liċenza, permess jew awtorità ma għandha fl-ebda każ tkun ta' inqas minn sena.

(2) B'dak kollu li jiddisponi l-artikolu 370 tal-Kodiċi Kriminali, il-proċedimenti għal reat taħt dawn ir-regolamenti għandhom isiru quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) jew il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), skond il-każ, u għandhom ikunu skond id-disposizzjonijiet tal-Kodiċi Kriminali li jirregolaw il-proċedura quddiem il-qrati msemmija bħala qrati ta' ġudikatura kriminali.

(3) Minkejja d-disposizzjonijiet tal-Kodiċi Kriminali, l-Avukat Ġenerali għandu dejjem ikollu d-dritt ta' appell quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali minn kull deċiżjoni mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) jew il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) fir-rigward ta' proċedimenti għal reat kontra dawn ir-regolamenti.

## SKEDA 1A

(Regolament 4)

**Kategoriji ta' apparat elettriku u elettroniku kopert minn dawn ir-Regolamenti**

1. Apparat domestiku kbir

2. Apparat domestiku żgħir

3. Apparat tal-IT u t-telekomunikazzjoni

4. Apparat tal-konsumatur

5. Apparat tad-dawl

6. Għodda elettrika u elettronika (bl-eċċezzjoni ta' għodda industrijali stazzjonarja ta' skala kbira)

7. Ġugarelli, apparat tal-ħin liberu u sport

8. Apparat mediku (bl-eċċezzjoni tal-prodotti kollha impjantati u infettati)

9. Strumenti ta' monitoraġġ u kontroll

10. Dispensuri awtomatiċi

## Skeda 1B

(Regolament 4)

**Lista ta' prodotti li għandhom jittieħdu in konsiderazzjoni għall-għanijiet ta' dawn ir-regolamenti u li jaqgħu fil-kategoriji tal-Iskeda 1A**

**1. Apparat domestiku kbir**

1.1 Apparat kbir li jkessaħ;
1.2 Refriġeraturi;
1.3 *Freezers*;
1.4 Apparat kbir ieħor li jintuża għar-rifriġerazzjoni, konservazzjoni u ħażna tal-ikel;
1.5 Magni tal-ħasil;
1.6 Magni li jnixxfu l-ħwejjeġ;
1.7 Magni li jaħslu l-platti;
1.8 Tisjir;
1.9 Fran elettriċi;

1.10 *Hot plates* elettriċi
1.11 *Microwaves*
1.12 Apparat ieħor kbir li jintuża għat-tisjir u pproċessar ieħor tal-ikel;
1.13 Apparat elttriku li jsaħħan;
1.14 Radjaturi elettriċi;
1.15 Apparat ieħor elettriku sabiex isaħħan kmamar, sodod u għamara li wieħed joqgħod bil-qegħda fuqha;
1.16 Fannijiet elettriċi;
1.17 Apparat li jikkondizzjona l-arja;
1.18 Apparat ieħor li jaġixxi ta' fan, ventilazzjoni tal-*exhaust* u kondizzjonament.

**2. Apparat żgħir domestiku**

*2.1* *Vacuum cleaners*;
2.2 Magni li jikinsu t-twapet;
2.3 Apparat ieħor li jnaddaf
;2.4 Apparat użat għall-ħjata, *knitting,* irrakmar, u ipproċessar ieħor għat-tessuti;
2.5 Ħadidiet tal-mogħdija u apparat ieħor użat għall-mogħdija, *mangling* u kura oħra tal-ħwejjeġ;
2.6 Magni li jixwu l-ħobż (*toasters)*;
2.7 Magni tal-qali (*fryers)*;
2.8 Magni li jisħqu (g*rinders)*, magni tal-kafè u apparat sabiex jiftaħ jew jissiġilla konteinituri jew ippakkettjar;
2.9 Skieken elettriċi;
2.10 Apparat għall-qtugħ tax-xagħar, tnixxif tax-xagħar, tindif tas-snien, tqaxxir tal-leħja, massaġġ u apparat ieħor tal-kura tal-ġisem;
2.11 Arloġġi, arloġġi tal-idejn u apparat ieħor li jkejjel, jindika jew jirreġistra l-ħin;
2.12 Miżien.

**3. Apparat tal-IT u telekomunikazzjoni**
3.1 Iproċessar tal-informazzjoni ċentralizzata:
3.1.1 *Mainframes*;
3.1.2 *Minicomputers*;
3.1.3 *Printer units*.
3.2 Kompjuteraġġ personali:
3.2.1 Kompjuters personali (*CPU, mouse,* skrin u *keyboard* inklużi);
3.2.2 Kompjuters *laptop* (*CPU, mouse,* skrin u *keyboard* inklużi));
3.2.3 Kompjuters tat-tip *notebook*;
3.2.4 Kompjuters tat-tip *notepad;*
3.2.5 *Printers*;
3.2.6 Apparat li jikkopja;
*3.2.7* *Typewriters* elettriċi u elettroniċi;
3.2.8 Kalkolatriċi żgħar (*pocket)* u għall-fuq l-iskrivanija;

3.2.9 Prodotti u apparat ieħor għall-ġbir, ħażna, ipproċessar, preżentazzjoni jew komunikazzjoni tal-informazzjoni b'mezzi elettroniċi;

3.2.10 *User terminals* u sistemi;

3.2.11 Facsimile;

3.2.12 *Telex*;

3.2.13 Telefon;

3.2.14 Telefon bil-ħlas;

3.2.15 Telefon *cordless*;

3.2.16 Telefon ċellulari;

3.2.17 *Answering machines*;

3.2.18 Prodotti jew apparat ieħor li jitrasmettu l-ħoss, stampi jew informazzjoni oħra bit-telekomunikazzjoni.

**4. Apparat tal-konsumaturi**

4.1 Settijiet tar-radju;

4.2 Settijiet tat-televiżjoni;

*4.3 Videocameras*;

*4.4 Video recorders*;

*4.5 Hi-fi recorders*;

4.6 Amplifikaturi tal-ħoss (*Audio amplifiers*);

4.7 Strumenti mużikali;

4.8 U prodotti jew apparat ieħor li jirreġistra jew jirriprodui l-ħoss jew l-istampa, inkluż sinjali jew teknoloġiji oħra għad-distribuzzjoni tal-ħoss u l-immaġini minbarra bit-telekommunikazzjoni.

**5. Apparat tad-dawl**

5.1 Luminarji għall-lampi fluoroxxenti bl-eċċeżżjoni tal-luminarji f'residenzi privati;

5.2 Lampi fluoroxxenti dritti;

5.3 Lampi fluoroxxenti kompatti;

5.4 Lampi ta' skarika ta' intensità għolja, inkluż lampi tas-sodju tal-pressa u lampi tal-metall alidi (*halides)*;

5.5 Lampi tas-sodju tal-pressa baxxa;

5.6 Dawl jew apparat ieħor li jxerred jew jikkontrolla d-dawl bl-eċċezzjoni tal-bozoz tal-filament.

**6. Għodda elettrika u elettronika (bl-eċċezzjoni ta' għodda industrijali stazzjonarja ta' skala kbira)**

6.1 Drillijiet;

6.2 Srieraq;

6.3 Magni tal-ħjata;

6.4 Apparat sabiex idawar, jitħan, irammel, jisħaq, jissega, jqaxxar, jiddrillja, jtaqqab, jippanċja, jitwi, jilwi jew jipproċessa b'mod simili injam, metall jew materjali oħra;

6.5 Għodda sabiex jissaldja, isammar jew jinvita jew ineħħi viti, imsiemer, turnaviti jew li tintuża b'mod simili;

6.6 Għodda għall-iwweldjar, l-issaldjar jew użu simili;
6.7 Apparat li jisprejja, ixerred, jarmi jew jitratta b’mod ieħor sustanzi likwidi jew ta’ gass b’meżżi oħra;
6.8 Għodda biex jaqtgħu il-ħaxix jew attivitajiet oħra ta’ ġardinaġġ.

**7. Ġugarelli, apparat tal-ħin liberu u sport**
7.1 Ferroviji elettriċi jew settijiet tat-tlielaq tal-karozzi;
*7.2 Consoles* tal-*video game* li jinżammu fl-idejn;
7.3 *Video games*;
7.4 Kompjuters għas-sewqan bir-roti, għadis, ġiri, qdif et.;
7.5 Apparat tal-isport b’komponenti elettriċi jew elettroniċi;
7.6 Magni li jieħdu l-muniti.

**8. Apparat mediku (bl-eċċezzjoni tal-prodotti kollha impjantati u infettati)**
8.1 Apparat tar-radjoterapija;
8.2 Kardjoloġija;
8.3 Dijaliżi;
8.4 Ventilaturi pulmonari;
8.5 Mediċina nuklejari;
8.6 Apparat tal-laboratorju għad-dijanjosi *in-vitro*;
8.7 Analizzaturi;
8.8 *Freezers*;
8.9 Testijiet tal-fertilizazzjoni;
8.10 Apparat ieħor għad-detezzjoni, prevenzjoni, monitoraġġ, trattament u solljev;
8.11 mard, ferita jew diżabilità;

**9. Strumenti ta’ monitoraġġ u kontroll**
9.1 Apparat li jagħraf id-duħħan (*Smoke detector)*;
9.2 Regolaturi tas-sħana;
9.3 Termostati;
9.4 Apparat għad-dar jew bħala apparat tal-laboratorju li jkejjel, jiżen jew jaġġusta;
9.5 Strumenti oħra ta’ monitoraġġ u kontroll użati f’istallazzjonijiet industrijali (bħal f’*control panels*).

**10. Dispensuri awtomatiċi**
10.1 Dispensuri awtomatiċi għax-xarbiet sħan;
10.2 Dispensuri awtomatiċi għall-fliexken jew bottijiet sħan jew kesħin;
10.3 Dispensuri awtomatiċi għall-prodotti solidi;
10.4 Dispensuri awtomatiċi għall-flus;
10.5 L-apparat kollu li jikkonsenja awtomatikament kull tip ta’ prodotti.

## SKEDA 2

**Regolament 7(1)**

### Trattament selettiv għal materjal u komponenti ta’ apparat elettriku u elettroniku għall-iskart

1. Bħala minimu, s-segwenti sustanzi, preparazzjonijiet u komponenti għandhom jitneħħew minn kwalunkwe WEEE miġbur separatament :

— Bifenili poliklorinati (PCB) li jkun fihom kapaċituri skond ir-Regolamenti tat-2002 dwar l-Immaniġġjar ta’ l-Iskart (PCBs & PCTs);

— Komponenti li jkun fihom il-merkurju, bħal swiċċijiet u lampi bil-*backlighting* ;

— batteriji;

— bordijiet taċ-ċirkwiti (*circuit boards)* stampati tat-telefon ċellulari in ġenerali, u ta’ apparat ieħor jekk il-wiċċ tal-bord taċ-ċirkwit (*circuit board*) stampat huwa ikbar minn 10 ċentimetri kwadri;

— *cartridges* tat-*toner,* likwidu u *pasty*, kif ukoll *toner* tal-kulur;

— plastika li tikkontjeni ritardanti tal-fjamma brominati;

— skart tal-asbestos u komponenti li jkun fihom l-asbestos;

— tubi tar-raġġi tal-*cathode*;

— kloroflorokarburi (CFC), idrokloroflorokarburi (HCFC) jew idroflorokarburi (HFC), idrokarburi (HC);

— lampi li jiskarikaw il-gass;

— *displays* tal-kristall likwidu (flimkien ma’ l-għatu tagħhom fejn adattat) ta’ superfiċi ikbar minn 100 ċentimetru kwadru u dawk il-lampi li jiskarikaw il-gass li jkollhom il-*back light*;

— *cables* esterni elettriċi;

— komponenti li jkun fihom fibri refrattorji ċeramiċi kif deskritti fid-Direttiva tal-Kummissjoni 97/69/KE[11] tal-5 ta’ Diembru, 1997 li tadatta għall-progress tekniku d-Direttiva tal-Kunsill 67/548/KEE li tirrigwarda l-klassifikazzjoni, ippakkettjar u ttikettjar ta’ sustanzi perikolużi;

— komponenti li jkun fihom sustanzi radjoattivi bl-eċċezzjoni ta’ komponenti li jaqgħu taħt il-livelli ta’ eżenzjoni stipulati fl-Artikolu 3 u l-Anness I għad-Direttiva tal-Kunsill 96/29/Euratom[12] tat-13 ta’ Mejju, 1996 li tistabbilixxi *standards* bażiċi tas-sigurtà għall-protezzjoni tas-saħħa tal-ħaddiema u l-pubbliku ġenerali kontra l-perikoli li joħorġu mir-radjazzjoni ijonizzanti; u

— kapaċituri elettroliti li jkun fihom sustanzi suspettużi (għoli : 25 mm, dijametru : 25 mm jew volum proporzjonatament simili).

Dawn is-sustanzi, preparazzjonijiet u komponenti għandhom jintremew jew jiġu rkuprati b’konformità mar-regolament 4 tar-Regolamenti ta’ l-2001 dwar Permessi u Kontrolli fil-Maniġġjar ta’ Skart.

[11] U L 343, 13.12.1997, p. 19.
[12] U L 159, 29.6.1996, p. 1.

2. Is-segwenti komponenti tal-WEEE li jinġabar separatament għandhom jiġu trattati kif indikat:

— Tubi tar-raġġi *cathode*: l-għata fluoroxxenti għandha titneħħa;
— Apparat li jkun fih gassijiet li jagħmlu ħsara lis-saff ta’ l-ożonu jew għandhom potenzjal ta’ tisħin globali (GWP) ’l fuq minn 15, bħal dawk li jinsabu fil-*foams* u ċirkwiti ta’ refriġerazzjoni: il-gassijiet għandhom jinħarġu korrettement u trattati korrettement. Gassijiet li jagħmlu ħsara lis-saff ta’ l-ożonu għandhom jiġu trattati skond ir-Regolament (KE) Nru 2037/2000[13] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta’ Ġunju, 2000 dwar is-sustanzi li jagħmlu ħsara lis-saff tal-ożonu; u
— Lampi li jiskarikaw il-gass: il-merkurju għandu jitneħħa.

3. Tenut kont tal-konsiderazzjonijiet ambjentali u x-xewqa ta’ l-użu mill-ġdid u r-riċiklar, il-paragrafi 1 u 2 għandhom jiġu applikati b’tali mod li użu mill-ġdid u riċiklaġġ li ma jagħmilx ħsara lill-ambjent ma jiġix ostakolat.

## Skeda 3

**Regolament 7(3)(g)**

### Ħtiġijiet tekniċi

1. Siti għall-ħażna (inkluż ħażna temporanja) ta’ WEEE qabel it-trattament tagħhom (mingħajr preġudizzju għall-ħtiġijiet tar-Regolamenti ta’ l-2002 dwar l-Immaniġġjar ta’ l-Iskart (*Landfills*):

— Superfiċi impermeabbli għall-żoni adattati fejn jiġu provduti faċilitajiet għall-ġbir ta’ dak li jixtered, u, fejn adattat, dekantri u sgrassanti li jnaddfu; u
— Għata li jipproteġi kontra t-temp għaż-żoni adattati.

2. Siti għat-trattament tal-WEEE:

— Miżien biex ikejlu l-iskart trattat,
— Superfiċi impermeabbli u għata li tipproteġi mill-ilma għaż-żoni adattati fejn jiġu provduti faċilitajiet għall-ġbir ta’ dak li jixtered, u, fejn adattat, dekantri u sgrassanti li jnaddfu;
— Ħażna adattata għal *spare parts* li ġew diżassemblati;
— Konteni turi xierqa għall-ħażna ta’ batteriji, PCBs/PCTs li jkun fihom kapaċituri u skart perikoluż ieħor bħal skart radjuattiv; u
— Apparat għat-trattament ta’ l-ilma b’konformità mar-regolamenti dwar is-saħħa u dawk ta’ l-ambjent.

[13] U L 244, 29.9.2000, p. 1. Regolament kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 2039/ 2000 ( U L 244, 29.9.2000, p. 26).

**Skeda 4**
**Simbolu għall-immarkar ta' l-apparat elettriku u elettroniku**

Is-simbolu li jindika ġbir separat għall-apparat elettriku u elettroniku jikkonsisti f'landa bir-roti, maqtugħa b'salib, kif muri hawn taħt. Is-simbolu għandu jiġi stampat vizibilment, b'mod leġibbli u li ma jitħassarx.

